**25 ta' Marzu, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Daniel Formosa

*versus*

Willhem Schickler u b'digriet tal-11 ta' Marzu, 1992, il-Qorti kkonfermat lil Stephen Conti għan-nom u in rappresentanza ta' R. Von Brockdorff *Insurance Agency Limited* u din bħala aġent tas-soċjetà assikuratriċi estera *Commercial Union Assurance Company plc* bħala kuratur tal-konvenut Willhem Schickler peress li jinsab assenti minn dawn il-Gżejjer

**Danni – Kolliżjoni – Inċident Awtomobilistiku – Manuvra ta' Sorpass – *Wrong Side of the Road***

*Il-Qorti ddeċidiet kawża dwar kolliżjoni awtombolistika li saret f' Naxxar Road, San Ġwann. Utili r-riflessjonijiet tal-Qorti dwar is-sorpass.*

Il-Qorti: -

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tal-5 ta' Marzu, 1991, li bih l-attur wara li ppremetta illi fit-8 ta' Ottubru, 1990, waqt li l-istanti kien isuq il-*motorcycle* numru P – 5408 f'San Ġwann hu safa involut f'inċident awtomobilistiku mal-karozza *Jetta* numru B – 7298 u safa mweġġa' *oltre* l-ħsara li ġarrab l-istess *motorcycle* – liema karozza kienet tinsaq mill-konvenut;

U wara li ppremetta illi għall-inċident u konsegwenzjali danni kien jaħti l-konvenut minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti – iżda hu qed jiċħad responsabbilità għall-inċident;

Jgħid il-konvenut għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjarah responsabbli għall-inċident imsemmi – dana għar-raġunijiet imsemmija – u għad-danni kollha li ġarrab l-istanti b'riżultat ta' l-istess;

2. Tillikwida l-istess danni okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istanti l-ammont hekk iddikjarat bħala dovut in lineja ta' danni;

Bl-ispejjeż, kompriżi Lm2 ta' l-ittra interpellatorja, kif ukoll dawk ta' l-ittra uffiċjali lil Robert Von Brockdorff *nomine* għat-

termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta – kontra l-konvenut;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Marzu, 1992, li bih il-Qorti nnominat lil Stephen Conti għan-nom u in rappresentanza ta' *R. Von Brockdorff Insurance Agency* bħala aġent tas-soċjetà assikuratriċi estera *Commercial Union Assurance Company plc* bħala kuratur tal-konvenut assenti minn dawn il-gżejjer;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess Stephen Conti fil-kwalità tiegħu premessa li biha eċċepixxa illi l-ewwel talba għandha tiġi respinta *stante* illi l-konvenut *nomine* ma kellu l-ebda responsabbilità fl-inċident u li t-tieni domanda għandha wkoll tiġi miċħuda *stante* illi m'hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati u illi similment u konsegwentement it-tielet talba għandha tiġi rriġettata *stante* illi l-konvenut *nomine* m'għandu jħallas l-ebda danni;

Rat id-dgiret tagħha tat-3 ta' April, 1992, li bih innominat lill-Avukat Dottor Joseph Azzopardi biex jassistiha bħala perit legali u jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet sottomessi mill-kontendenti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tat-2 ta' Frar, 1993, li bih il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawża l-Qorti jeħtiġilha tiddetermina r-responsabbilità għall-inċident stradali li seħħ f'Naxxar Road, San Ġwann, bejn karozza *Volkswagon* misjuqa mill-konvenut u mutur misjuq mill-attur. Il-konvenut kien ipparkjat fuq ix-xellug tat-triq iħares lejn in-Naxxar fejn ried imur. Infatti hu qala' minn wara vettura oħra, kien iddritta parallel ma' l-istess vettura u kien qed isuq fuq il-*'first gear'* lejn din id-direzzjoni. Hu ra vettura oħra qed tiġi misjuqa fid-direzzjoni opposta għalih lejn Tas-Sliema. F'daqqa waħda l-mutur ta' l-attur ġie minn wara din il-karozza, issorpassaha u laqat lill-karozza misjuqa mill-konvenut. Il-mutur spiċċa mal-mitt metru 'l bogħod mill-*'spot of impact'*;

Il-perit legali hekk irrelata dwar ir-responsabbilità:

"Għalhekk kollox jindika illi kien l-attur li fil-manuvra biex jissorpassa l-vettur li kellu quddiemu, resaq lejn in-naħa l-ħażina tat-triq. Ma hemmx kontestazzjoni illi l-attur issorpassa vettura oħra eżatt qabel il-ħabta għax dan hu wkoll anke ammess mill-attur ... Il-fatt biss **li l-attur kellu jaqbeż fuq in-naħa ħażina tat-triq juri li kienet manuvra li qatt ma kien messu għamel fiċ-ċirkostanzi** ... Għalhekk l-esponent iħoss li l-ħtija ta' l-inċident hija biss ta' l-attur li ma osservax sewwa (r-regolamenti) u kkommetta żball ta' kalklu meta ġie biex jissorpassa";

Il-Qorti eżaminat ir-riżultanzi proċesswali u ssib li taqbel mar-relazzjoni peritali. Tillimita ruħha għas-segwenti osservazzjonijiet in aġġunta mal-konsiderazzjonijiet lilha sottomessi mill-perit legali. Dan ukoll *in vista* tas-sottomissjonijiet ta' l-attur fin-nota ta' kritika tiegħu;

1. Hu ppruvat bla dubju illi l-kolliżjoni ġrat fuq in-naħa tat-triq imnejn kellu dritt jgħaddi u jsuq il-konvenut. Is-surġent li investiga l-każ jikkonferma "l-posizzjoni tal-vettura kif tidher fl-iskizz hija għal kollox fuq is-*side* tagħha". Hu immaterjali jekk kienx hekk il-konvenut bi ftit ċentimetri jew le, kif jallega l-attur. L-iskizz hu "*to scale*" u l-miżurazzjonijiet huma preċiżi;

2. Naxxar Road, San Ġwann, hija triq ferm traffikuża u speċjalment fil-ħin meta ġara l-inċident ikun hemm fiha karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Hu ċar li l-attur, biex ħtieġlu jmur '*wrong side*' biex jissorpassa l-karozza quddiemu, kellu infatti jaqbeż din il-karozza li kienet qed tiġi misjuqa għal nofs it-triq u din kienet qed tgħaddi ma' ġenb karozza oħra pparkjata fuq ix-xellug tagħha. Dan ifisser illi l-attur kellu l-obbligu li joqgħod ferm attent qabel jittanta l-manuvra tas-sorpass. Kellu jkun ċert li seta' jibdiha, ikompliha u jtemmha din il-manuvra, bla perikolu għalih u għal traffiku ieħor. Manuvra perikoluża li kien qed jagħmel a riskju tiegħu għax diffiċilment seta' jikkalkola meta seta' jmur lura fuq in-naħa tiegħu tat-triq;

3. It-triq infisha kienet tirrikjedi prudenza kbira fis-sewqan u ma tippermettix la manuvri azzardati bħas-sorpass, u lanqas *speed* eċċessiv. Biżejjed wieħed jaċċenna għar-riskju ta' vetturi ġejjin mid-direzzjoni opposta jew ħerġin mill-parkeġġ, kif ġara f'dan il-każ, kif ukoll għall-fatt li għal din l-arterja jagħtu numru kbir ta' toroq laterali. Hemm infatti indikazzjoni illi l-mutur kien qed jiġi misjuq b'veloċità ċertament aktar milli prudenti għal-lokalità. Veloċità li ssorprendiet lill-konvenut tant li ra biss xi ħaġa sewda toħroġ minn wara l-karozza li kienet qed tiġi misjuqa fid-direzzjoni opposta għalih. Veloċità li poġġiet ukoll lill-istess attur f'qagħda li ma jistax jikkontrolla l-vettura tiegħu, appena sab lill-karozza tal-konvenut fi triqtu;

4. Il-Qorti ma ssibx korretta s-sottomissjoni ta' l-attur illi l-konvenut ma kienx messu qala' mill-posizzjoni ta' *'parking'* qabel ma assigura ruħu li t-triq kienet ħielsa mit-traffiku. Hi taqbel ma' dak li xehed il-konvenut u ssib li l-verżjoni tiegħu attendibbli illi meta qala' t-triq quddiemu kienet għal kollox ħielsa mit-traffiku, ħlief għall-vettura li kienet qed tiġi misjuqa **fuq in-naħa l-oħra tat-triq**. Taqbel li fil-mument meta qala' mill-*'parking position'*, il-konvenut ma setax ra l-mutur ta' l-attur li kien għadu ferm 'il bogħod – ikkunsidrata l-veloċità tiegħu – u f'kull każ moħbi wara l-karozza quddiemu. Għall-kuntrarju, il-konvenut kien **beda u kkonkluda** l-manuvra tiegħu li joħroġ mill-parkeġġ, u kien qed isuq fit-triq fid-dritt. Manuvra ta' tul biżżejjed biex tissenjala l-attur il-presenza tal-vettura tal-konvenut fil-karreġġata opposta. Avviż li – li kieku l-attur kien qed iżomm *'a proper look-out'* – kellu jkun biżżejjed biex jiskoraġġih milli jagħmel il-manuvra tas-sorpass;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi, prevja l-adozzjoni tar-relazzjoni peritali fl-interezza tagħha, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.